MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Talba Numru. 535/2003

**Is-socjeta' civili KPMG u Joseph Schembri, Alfred Cremona, Raymond Azzopardi, Tonio Zarb, Pierre Portelli, Hilary Galea Lauri, Noel Mizzi u David Bamber**

**vs**

**Uniformity Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fiss-7 ta' Marzu, 2003, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u disa' u sebghin lira Maltin (Lm579.00) rappresentanti ammont dovut ghal servizzi professjonali rezi skond 'statement' immarkat bhala Dok. 'A'.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, u bl-imghax sa minn meta saru dovuti l-ammonti fuq l-'invoices' rispettivi kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Donatienne Gatt, in rappresentanza tal-atturi, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna llis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u disa' u sebghin lira Maltin (Lm579.00), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------